REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 230/2011

tad-9 ta' Marzu 2011

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 fir-rigward tal-kwoti tat-tariffi tal-Unjoni għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 tal-10 ta' April 1995 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għall-ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) u (b) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2009, ġew konklużi n-negozjati għal Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-perjodu mill-2009 sal-2014 għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll Addizzjonali".

(2) L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Addizzjonali ġew awtorizzati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/674/UE tas-26 ta' Lulju 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu 2009 sal-2014, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2009 sal-2014, Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda dwar dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd għall-perjodu 2009 sal-2014 u Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja dwar dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd għall-perjodu 2009 sal-2014 [2].

(3) Dan il-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għal kwoti tat-tariffi annwali ġodda u mingħajr dazju fuq l-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti tal-ħut u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja.

(4) Skont il-Protokoll Addizzjonali, il-livelli tal-kwoti tat-tariffi li kellhom jinfetħu għan-Norveġja mill-1 ta' Mejju 2009 sal-1 ta' Marzu 2011 għandhom jinqassmu f'partijiet ugwali u allokati fuq bażi annwali għall-perjodu li fadal għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

(5) Sabiex jiġu implimentati l-kwoti tat-tariffi l-ġodda pprovduti fil-Protokoll Addizzjonali, jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 992/95.

(6) Jeħtieġ li tiġi sostitwita r-referenza ta' bħalissa fir-Regolament (KE) Nru 992/95 għall-prezzijiet liberi fil-fruntiera b'referenza għall-valur tad-dazju ddikjarat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura [3], u li jiġi pprovdut li, sabiex wieħed jikkwalifika għall-preferenzi stipulati fil-Protokoll Addizzjonali, dak il-valur irid ikun mill-inqas daqs kwalunkwe prezz ta' referenza ffissat jew li għandu jiġi ffissat skont l-istess Regolament.

(7) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, li jiddefinixxi l-kunċett tal-prodotti tal-oriġini u li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-kooperazzjoni amministrattiva, ġie emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kumitat Konġunt ta' bejn il-KE u n-Norveġja tat-20 ta' Diċembru 2005 [4]. Għalhekk jeħtieġ li jiġi pprovdut espliċitament li l-Protokoll 3 kif emendat fl-2005 għandu japplika.

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex jitqiesu l-emendi tal-Kodiċijiet tan-Nomenklatura Maqgħuda, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [5], u tas-subdiviżjonijiet tat-Taric, jixraq li jissostitwixxi l-Anness I u II għar-Regolament (KE) Nru 992/95.

[1] ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1.
[2] ĠU L 291, 9.11.2010, p. 1.
[3] ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.
[4] ĠU L 117, 2.5.2006, p. 1.
[5] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(9) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex jitqies il-fatt li bosta tariffi tal-kwoti jkopru l-istess prodotti għall-istess perjodu, huwa xieraq li dawn jiġu amalgamati.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(11) Skont id-Deċiżjoni 2010/674/UE, il-kwoti tat-tariffi l-ġodda jridu japplikaw mill-1 ta' Marzu 2011. Dan ir-Regolament għandu għalhekk japplika mill-istess data.

(12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Meta l-prodotti li joriġinaw fin-Norveġja li huma elenkati fl-Anness jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea, huma għandhom ikunu eliġibbli għal eżenzjoni mid-dazji doganali fi ħdan il-limitu tal-kwoti tat-tariffi, matul il-perjodi u skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-importazzjonijiet tal-prodotti tal-ħut u tas-sajd elenkati fl-Anness għandhom jikkwalifikaw għall-kwoti tat-tariffi msemmija fil-paragrafu 1 biss jekk il-valur tad-dazju ddikjarat ikun mill-inqas daqs il-prezz ta' referenza ffissat, jew li għandu jiġi ffissat, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (*).

3. Id-disposizzjonijiet tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jiddefinixxu l-kunċett tal-prodotti ta' oriġini u li jistabbilixxu l-arranġamenti għal kooperazzjoni amministrattiva, kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kumitat Konġunt ta' bejn il-KE u n-Norveġja tal-20 ta' Diċembru 2005 (**), għandhom jgħoddu.

4. Il-benefiċċju tal-kwoti tat-tariffi bin-numri tal-ordni 09.0710 u 09.0712 ma għandux jingħata lil oġġetti ddikjarati li huma għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-perjodu mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju. Barra minn hekk, il-benefiċċju tal-kwota tat-tariffi bin-numru tal-ordni 09.0714 ma għandux jingħata li oġġetti tal-Kodiċi tan-NM 0304 99 23 ddikjarata għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-perjodu bejn il-15 ta' Frar u l-15 ta' Ġunju.

(*) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.
(**) ĠU L 117, 2.5.2006, p. 1."

2. L-Artikolu 3, it-tieni paragrafu, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, l-Artikolu 308c(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ma għandux japplika għall-kwoti tat-tariffi bin-numri tal-ordni 09.0702, 09.0710, 09.0712, 09.0713, 09.0714, 09.0749 u 09.0750."

3. L-Annessi I u II huma sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2011.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandu jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali tkun deċiża, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, permezz tal-kopertura tal-kodiċi tan-NM kif jeżistu meta jiġi adottat dan ir-Regolament. Fejn ex kodiċi tan-NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni li tikkorispondi magħduda flimkien.

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0701	ex 1504 20 10 ex 1504 30 10 ex 1516 10 90	90 99 11	Żjut u xaħmijiet ta' annimali tal-baħar, ħlief iż-żejt tal-baleni u żejt mill-baleni tat-tip Physeter macrocephaluss, f'ippakkjarta' kapaċità netta ta' mhux aktar minn 1 kg	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	8,5
09.0702	0303 29 00		*Salmonidi* oħrajn, iffriżati	Mill-1.3.2011 sat-30.4.2011 Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012 Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013 Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	526 3 158 3 158 3 158	0
09.0703	ex 0305 51 90 ex 0305 59 10	10 20 90	Merluzz imnixxef, immellaħ iżda mhux affumigat, għajr il-merluzz tal-ispeċi *Gadus macrocephalus* Ħut imnixxef, immellaħ iżda mhux affumigat tal-ispeċi *Boreogadus saida*	Mill-1.4 sal-31.12	13 250	0
09.0710	0303 51 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati, għajr fwied u bajd ([1])	Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012 Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013 Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	76 333 76 333 76 334	0
09.0711			Ħut preparat jew preservat, kif ukoll kavjar u sostituti tal-kavjar preparati mill-bajd tal-ħut:	Mill-1.1 sal-31.12	400	3
	ex 1604 13 90	91 92 99	sardinella, aringi żgħar jew spratt għajr fletti nejja, miksija ħafif bil-panura jew bil-frak tal-ħobż, kemm jekk moqlija fiż-żejt minn qabel jew le, iffriżati			
	1604 19 92		Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*)			
	ex 1604 19 93	90	Pollakju (*Pollachius virens*), għajr il-pollakju affumigat			
	1604 19 94		Marlozz (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.)			
	1604 19 95		Pollakju tal-Alaska *(Theragra chalcogramma)* u pollakju *(Pollachius pollachius)*			
	1604 19 98		Ħut ieħor			
	ex 1604 20 90	30 35 50 60 90	Ħut ieħor preparat jew preservat, għajr il-aringi u l-kavalli			
	ex 1604 20 90	40	Kavalli oħrajn preparati jew preservati			10

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0712	0303 74 30		Kavalli (*scomber scombrus* u *Scomber japonicus*), iffriżat għajr fwied u bajd ([1])	Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012	66 333	0
				Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013	66 333	
				Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	66 334	
09.0713	0303 79 98		Ħut ieħor, iffriżat, għajr il-fwied u l-bajd	Mill-1.3.2011 sat-30.4.2011	578	0
				Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012	3 474	
				Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013	3 474	
				Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	3 474	
09.0714	0304 29 75		Fletti ta' aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.3.2011 sat-30.4.2011	8 896	0
				Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012	109 701	
				Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013	109 701	
	ex 0304 99 23	10 20 30	Fletti ta' aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*),iffriżati	Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	109 702	
09.0715	0302 11		Trota (*salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aquabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*) friska jew imkessħa	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	0303 21		Trota (*salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aquabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache* u *Oncorhynchus chrysogaster*) iffriżata			
09.0716	0302 12 00		Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou u Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*), friski jew imkessħa	Mill-1.1 sal-31.12	6 100	0
09.0717	0303 11 00 0303 19 00		Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), iffriżat	Mill-1.1 sal-31.12	580	0
	ex 0303 22 00	20	Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*), iffriżat			

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0718	0304 19 13 0304 29 13		Fletti friski, imkessħa jew iffriżati ta' Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* u *Oncorhynchus rhodurus*), salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*) u salamun tad-Danubju (*Hucho hucho*)	Mill-1.1 sal-31.12	610	0
09.0719	0302 19 00 0303 29 00		*Salmonidi* oħra, frisk jew imkessaħ *Salmonidi* oħrajn, iffriżat	Mill-1.1 sal-31.12	670	0
09.0720	0302 69 45		Lipp (*Molva* spp.), frisk jew imkessaħ	Mill-1.1 sal-31.12	370	0
09.0721	0302 22 00 0302 23 00 0302 29 0303 39 ex 0302 69 82 0302 69 66 0302 69 67 0302 69 68 0302 69 69 0302 69 81 0302 67 00 0302 68 00 0302 69 91 0302 69 92 0302 69 94 0302 69 95 0302 69 99	 20 <

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0722	0304 91 00		Laħam iffriżat tal-pixxispad (*Xiphias gladius*)	Mill-1.1 sal-31.12	500	0
	0304 99 31 0304 99 33 0304 99 39		Laħam iffriżat tal-merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ta' ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*			
	0304 99 41		Laħam iffriżat tal-pollakju (*Pollachius virens*)			
	0304 99 45		Laħam iffriżat tal-haddock (*Melanogrammus aeglefinus*)			
	0304 99 51		Laħam iffriżat tal-marlozz (*Merluccius spp., Urophycis spp.*)			
	0304 99 71		Laħam iffriżat tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou* jew *Gadus poutasou*)			
	0304 99 75		Laħam iffriżat tal-Pollakju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*)			
	ex 0304 99 99	20 25 30 40 50 60 65 69 70 81 89 90	Laħam iffriżat tal-ħut tal-ilma baħar, għajr il-kavalli (*scomber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*)			
09.0723	0302 40 00 0303 51 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), friski, imkessħa jew iffriżati	Mis-16.6 sal-14.2	800	0
09.0724	0302 64		Kavalli (*scomber scombrus, Scomber australasicus, Scomber japonicus*), frisk jew imkessaħ	Mis-16.6 sal-14.2	260	0
09.0725	0303 74 30		Kavalli (*scomber scombrus, Scomber japonicus*), iffriżati	Mis-16.6 sal-14.2	30 600	0
09.0726	0302 69 31 0302 69 33 0303 79 35 0303 79 37		Redfish (*Sebastes* spp.), frisk, imkessaħ jew iffriżat	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0727	0304 19 01 0304 19 03 0304 19 18 0304 29 01 0304 29 03 0304 29 05 0304 29 18		Fletti ta' ħut ieħor tal-ilma ħelu, friski, imkessħa jew iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	110	0
09.0728	0304 19 33 0304 19 35		Fletti tal-pollakju (*Pollachius virens*) u, redfish (*Sebastes* spp.) friski jew imkessħa	Mill-1.1 sal-31.12	180	0
	0304 11 10 0304 12 10		Fletti oħrajn, friski jew imkessħa			
	ex 0304 19 39	30 40 60 70 75 80 85 90				

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0729	0304 19 97 0304 19 99		Fletti ta' aringi u laħam ieħor ta' ħut	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0730	0304 21 0304 22		Fletti ffriżati tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) u toothfish (*Dissostichus* spp.)	Mill-1.1 sal-31.12	9 000	0
	0304 29 21 0304 29 29		Fletti ffriżati tal-merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*) u ta' ħut tal-ispeċi *Boreogadus saida*			
	0304 29 31		Fletti ffriżati tal-pollakju (*Pollachius virens*)			
	0304 29 33		Fletti ffriżati tal-haddock (*Melanogrammus aeglefinus)*			
	0304 29 35 0304 29 39		Fletti ffriżati tar-redfish (*Sebastes* spp.)			
	0304 29 55 0304 29 56 0304 29 58 0304 29 59		Fletti ffriżat tal-marlozz (*Merluccius spp., Urophycis spp.*)			
	0304 29 71		Fletti ffriżat tal-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*)			
	0304 29 83		Fletti ffriżati tal-ixkatlu (*Lophius spp.*)			
	0304 29 85		Fletti ffriżati tal-Pollakju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*)			
	0304 29 91		Fletti ffriżati tal-grenadier ikħal (*Macruronus novaezelandiae*)			
	ex 0304 29 99	10 20 41 49 50 60 81 89 91 92 93 99	Fletti ffriżati oħrajn			
09.0731	ex 0305 20 00	11 18 19 21 30 73 75 77 79 99	Fwied u bajd tal-ħut, imnixxfa, immellħa jew fl-ilma mielaħ, iżda mhux affumikati	Mill-1.1 sal-31.12	1 900	0
09.0732	0305 41 00		Salamun affumikati tal-Paċifiku (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou u Oncorhynchus rhodurus), salamun Atlantiku (Salmo salar)* u *salamun tad-Danubju (Hucho hucho)*	Mill-1.1 sal-31.12	450	0
09.0733	0305 42 00 0305 49		Ħut affumikat għajr is-Salamun tal-Paċifiku *(Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou u Oncorhynchus rhodurus), salamun tal-Atlantiku (Salmo salar) u salamun tad-Danubju (Hucho hucho)*	Mill-1.1 sal-31.12	140	0

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0734	ex 0305 69 80	20 30 40 50 61 63 64 65 67 90	Ħut ieħor, immellaħ imma mhux imnixxef jew affumikat u ħut fis-salmura:	Mill-1.1 sal-31.12	250	0
09.0735	0305 61 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), immellħin iżda mhux imnixxfin jew affumigati, u aringi fis-salmura	Mill-1.1 sal-31.12	1 440	0
09.0736	0306 13 10		Gambli tal-Pandalidae iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	950	0
	0306 19 30		Awwisti tan-Norveġja ffriżati (*Nephrops norvegicus*)			
09.0737	ex 0306 23 10	95	Gambli tal-Pandalidae, mhux iffriżati msajjra abbord	Mill-1.1 sal-31.12	800	0
09.0738	ex 0306 23 10	11 20 91 96	Gambli tal-Pandalidae, mhux iffriżati, għall-ipproċessar [8]	Mill-1.1 sal-31.12	900	0
	0306 29 30		Awwisti tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*) mhux iffriżati			
09.0739	1604 11 00		Salamun preparat jew preservat, sħiħ jew f'biċċiet	Mill-1.1 sal-31.12	170	0
09.0740	1604 12 91 1604 12 99		Aringi preparati jew preservati, sħaħ jew f'biċċiet f'kontenituri ssiġġillati ermetikament; oħrajn	Mill-1.1 sal-31.12	3 000	0
09.0741	1604 13 90		Sardinella preparata jew preservata, u aringi żgħar jew spratt, sħaħ jew f'biċċiet	Mill-1.1 sal-31.12	180	0
09.0742	1604 15 11 1604 15 19		Kavalli preparati jew preservati (*scomber scombrus, Scomber japonicus*), sħiħ jew f'biċċiet	Mill-1.1 sal-31.12	130	0
09.0743	1604 19 92		Merluzz preparat jew preservat (*Gadus morhua, Gadus ogac, Gadus macrocephalus*), sħiħ jew f'biċċiet	Mill-1.1 sal-31.12	5 500	0
	1604 19 93		Pollakju preparat jew preservat (*Pollachius virens*)			
	1604 19 94		Marlozz preparat jew preservat (*Merluccius spp., Urophycis spp.*)			
	1604 19 95		Pollakju tal-Alaska (*Theragra chalcogramma*) u pollakju (*Pollachius pollachius*) preparat jew preservat			
	1604 19 98		Ħut ieħor preparat jew preservat			
	1604 20 90		Laħam preparat jew preservat ta' ħut ieħor			
09.0744	1604 20 10		Laħam tas-salamun preparat jew preservat	Mill-1.1 sal-31.12	300	0

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0745	ex 1605 20 10 ex 1605 20 91 ex 1605 20 99	20 40 91 20 40 91 20 40 91	Gambli u gambli kbar imqaxxra jew iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	8 000	0
09.0746	ex 1605 20 10 ex 1605 20 91 ex 1605 20 99	30 96 99 30 96 99 30 45 49 96 99	Gambli u gambli kbar għajr dawk imqaxxra u ffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	1 000	0
09.0747	2301 20 00		Dqiq, pasta u gerbub, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski u invertenrati akkwatiċi oħrajn	Mill-1.1 sal-31.12	28 000	0
09.0748	1605 10 00		Granċ preparat jew preservat	Mill-1.1 sal-31.12	50	0
09.0749	ex 1605 20 10 ex 1605 20 91 ex 1605 20 99	20 40 91 20 40 91 20 40 91	Gambli u gambli kbar, imqaxxrin u ffriżati, preparati jew preservati	Mill-1.3.2011 sat-30.4.2011 Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012 Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013 Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	1 841 11 053 11 053 11 053	0
09.0750	ex 1604 12 91 ex 1604 12 99	10 11 19	Aringa, imħawra u/jew ippriservata fil-ħall, fis-salmura	Mill-1.3.2011 sat-30.4.2011 Mill-1.5.2011 sat-30.4.2012 Mill-1.5.2012 sat-30.4.2013 Mill-1.5.2013 sat-30.4.2014	1 000 tunnellata netti mingħajr likwidi. 7 000 tunnellata netti mingħajr likwidi. 8 000 tunnellata netti mingħajr likwidi. 8 000 tunnellata netti mingħajr likwidi.	0

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0751	0704 10 00		Pastard u brokkli bir-ras	Mill-1.8 sal-31.10	2 000	0
09.0752	0303 51 00		Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati (1)	Mill-1.1 sal-31.12	44 000	0
09.0753	ex 0704 90 90	10	Brokkoli, frisk jew imkessaħ	Mill-1.7 sal-31.10	1 000	0
09.0755	ex 0704 90 90	20	Kaboċċi taċ-Ċina, friski jew imkessħa	Mill-1.7 sat-28.2	3 000	0
09.0756	0304 29 75		Fletti ta' Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati	Mill-1.1 sal-31.12	67 000	0
	0304 99 23	10 20 30	Fletti ta' Aringi (*Clupea harengus, Clupea pallasii*), iffriżati (2)			
09.0757	0809 20 05 0809 20 95		Ċirasa, friska	Mis-16.7 sal-31.8	900	0 (3)
09.0759	0809 40 05 0809 40 90		Għanbaqar u pruni selvaġġ, frisk	Mill-1.9 sal-15.10	600	0 (3)
09.0761	0810 10 00		Frawli, frisk	Mid-9.6 sal-31.7	900	0
09.0762	0810 10 00		Frawli, frisk	Mill-1.8 sal-15.9	900	0
09.0775	1504 10 10		Żjut u l-frazzjonijiet tagħhom tal-fwied tal-ħut, bil-kontenut tal-vitamina A li ma jaqbiżx l-unitajiet internazzjonali ta' 2 500 għal kull gramma	Mill-1.1 sal-31.12	103	0
09.0776	1504 20 10		Xaħmijiet u żjut tal-frazzjonijiet solidi u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut, għajr iż-żjut tal-fwied	Mill-1.1 sal-31.12	384	0
09.0777	ex 1516 10 90	11 19	Xaħmijiet u żjut ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, li joriġinaw kollha kemm huma minn ħut jew mammiferi tal-baħar	Mill-1.1 sal-31.12	5 141	0
09.0781	0204		Laħam ta' nagħaġ jew mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat (4) (5) (6) (7)	Mill-1.1 sal-31.12	piż tal-karkassa ta' 300 tunnellata	0
09.0782	0210		Laħam u laħam ġewwieni li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat; dqiq u smida tal-laħam u tal-ġewwieni tal-laħam tajbin għall-ikel	Mill-1.1 sal-31.12	200	0
09.0783	0705 11 00		Ħass ikkabuċċjat (ħass bir-ras)	Mill-1.1 sal-31.12	300	0
09.0784	0705 19 00		Ħass ieħor	Mill-1.1 sal-31.12	300	0

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Subdiviżjoni tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-prodotti	Perjodu tal-kwota	Volum tal-kwota (piż nett f'tunnellati sakemm mhux speċifikat mod ieħor)	Dazju fuq il-kwota (f'%)
09.0785	ex 0602 90 50	10	Pjanti perenni	Mill-1.1 sal-31.12	136 212 EUR	0
09.0786	0602 90 70		Pjanti ta' ġewwa: biċċiet bl-għeruq u pjanti żgħar, għajr il-kakti	Mill-1.1 sal-31.12	544 848 EUR	0
09.0787	1601		Zalzett u prodotti simili, ta' laħam, ġewwieni tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet tal-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	Mill-1.1 sal-31.12	300	0

(1) Peress mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju d-dazju tal-MFN jkun xejn, il-benefiċċju ta' din il-kwota tat-tariffi ma mhux se jingħata għall-oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul dan il-perjodu.

(2) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0304 99 23, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju d-dazju tal-MFN jkun xejn, il-benefiċċju ta' din il-kwota tat-tariffi mhux se jingħata għal oġġetti ddikjarati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa matul dan il-perjodu.

(3) Id-dazju addizzjonali speċifiku għandu jiġi applikat.

(4) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0204 23 00, l-ammont tat-talba għall-parti huwa ddeterminat billi l-piż nett tal-prodotti jiġi mmultiplikat b'koeffiċenti ta' 1,67 (laħam tal-ħaruf) jew ta' 1.81 (laħam tan-nagħaġ għajr tal-ħaruf).

(5) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0204 50 39 u 0204 50 79, l-ammont tat-talba għall-parti huwa ddeterminat billi l-piż nett tal-prodotti jiġi mmultiplikat b'koeffiċenti ta' 1.67 (laħam tal-gidi) jew ta' 1.81 (laħam tan-naghaġ għajr tal-gidi).

(6) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0204 43 10, l-ammont tat-talba għall-parti huwa ddeterminat billi l-piż nett tal-prodotti jiġi mmultiplikat b'koeffiċenti ta' 1.67.

(7) Fir-rigward tal-oġġetti bil-kodiċi NM 0204 43 90, l-ammont tat-talba għall-parti huwa ddeterminat billi l-piż nett tal-prodotti jiġi mmultiplikat b'koeffiċenti ta' 1.81.

(8) Dħul taħt din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti (ara l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).”